MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Numru 373/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**
v

**NICHOLAS GRECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NICHOLAS GRECH** ta' erbgha w ghoxrin sena bin John Mary u Teresa nee Azzopardi, imwieled Pieta nhar l-ghoxrin ta' Awissu 1976 u residenti 94, Triq Gilormu Cassar, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 435076M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer matul il-perjodu ta' bejn t-tlettax ta' Gunju 2001 u sena w disgha xhur qabel din d-data, b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess

disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. Voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hames mitt lira maltin saret ghad-dannu ta' Romeo Camilleri minn Bahar ic-Caghaq u bosta persuni ohra;

b. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin mitt lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin u saret ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

c. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ xi hadd u cioe ta' Romeo Camilleri, Anna Camilleri, Johanna Camilleri u bosta persuni ohra, weggaghom bi kliem, b’gest, b’kitba, b’disinnji jew b’xi mod iehor, liema ngurji saru b'kitba, b'figuri, jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku;

d. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi bil-mezz ta'karta miktuba sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b'isem mahluq, hedded lil haddiehor u cioe lil Romeo Camilleri, Anna Camilleri, Johanna Camilleri lkoll minn Bahar ic-Caghaq, u bosta persuni ohra b'xi delitt, liema delitt sar b'ordni jew kondizzjoni;

e. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, sabiex jibghat oggett postali, uza bolla falza jew kien jidher li qed jithallas bil-quddiem dak l-oggett postali b'xi bolla li tkun giet uzata qabel biex thallas bil-quddiem xi oggett postali iehor jew li tkun xort'ohra giet uzata qabel ghal xi ghan iehor;

f. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ffalsifika francobollijew xjtenement ghamel uzu ta' frankobolli falsifikati;

g. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi minghajr permess specjali tal-Gvern, xjentement zamm fil-pussess tieghu frankobolli falsifikati, kontijiet, magni jew ghodod iddestinati ghal fabrikazzjoni ta' frankobolli;

h. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi baghat bil-posta oggetti postali u cioe ittri li kienu b'xi mod jheddu, kienu offensivi u libelluzi;
i. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew f'tibdil f'atti, fi skritturi jew f'firem jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registri jew atti pubblici ohra wara li jkunu gia ffurmati jew maghluqa, ghamel falsifikazzjoni fi skritturi privati li jkunu jistghu jaghmlu hsara lil xi persuna jew igibu utili;
j. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn skritturi privati falsifikati;
k. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd u cioe lil Romeo Camilleri, Anna Camilleri, Johanna Camilleri lkoll minn Bahar ic-Caghaq, u bosta persuni ohra jaghmlu, jhallu isir jew jonqsu milli jaghmlu xi haga;
l. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, bi kliem, b'gesti, b'kitba stampata jew le, bi stampi jew b'xi mezz iehor vizibbli, kasbar pubblikament r-Religjon Kattolika Appostolika Rumana, li hija r-religjon ta' Malta, inkellha offenda r-religjon Kattolika Appostolika Rumana billi kasbar lil dawk li huma ta' din r-religjon jew lil ministri taghha jew kull haga lli tkun oggett ta' devozjoni tar-religjon Kattolika Appostolika Rumana jew li tkun ikkonsagrata ghad-devozjoni ta' din r-religjon;
m. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbiku jew f'lok espost ghal pubbliku;
n. Talli f'isem ic-Chairman Awtorita ta' Malta dwar l-Kommunikazzjonijiet talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, uza xi nfrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghal uzu sew ta' l-infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew
o. Talli waqt li kien f'Bahar ic-Caghaq matul il-lejl ta'bejn t-tlieta ta' Frar 2001 u l-erbgha ta' Frar 2001, ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' filghodu m'obdiex l-ordnijiet

legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel d-drimijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmiru billi ma halliex lil haddiehor jagmel dak li b'ligi ikun ordnat jew jista jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi jew b'xi mod iehor li jkun;

p. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien Bahar ic-Caghaq bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

q. Talli waqt li kien l-Imtarfa nhar t-tnax ta' Gunju 2001 ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datata hmistax ta' Gunju 2001 [fol 6] sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-hmistax ta' Gunju 2001 [fol 19] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara nhar l-hmistax ta' Gunju 2001 [fol 19] li huwa hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-hmistax ta' Gunju 2001 fejn din il-Qorti diversament preseduta fil-jum tal-presentata kienet innominat lil Psikjatra Doctor David Cassar sabiex jezamina lil imputat.

Illi nhar t-tnax ta' Gunju 2002 il-Psikjatra **Doctor David Cassar** [fol 60] **xehed** u spjega li huwa kien tkellem fit-tul mal-imputat u dan bir-reqqa ikkonkluda bla tlaqliq li l-imputat kien qed ibati minn psikozi tad-deluzzjonijiet ta' persekuzzjoni. Spjega li fil-bidu tal-intervisti d-deluzzjonijiet kienu hfief pero bil-mod dawn bdew jizdiedu. Fil-bidu kienu jissejhu fissazzjonijiet u '*over valued ideas*'

imma maz-zmien saru l-kwalita ta' deluzzjoni fejn il-hsieb huwa dak li l-Psikjatra jsejjahlu '*fixed and unshaken*' li huwa ma jirrealizzax li ma jkollux '*insight*' tant li jkollu hsibijiet hziena u kkonkluda li ghandu bzonn kura psikjatrika [fol 62].

Illi nhar t-tnax ta' Gunju 2002, il-Qorti diversament preseduta ikkonfermat in-nomina precedenti taghha dwar l-Psikjatra Doctor David Cassar w innominat lil Doctor Peter Muscat, lil Doctor Joseph Saliba u lil Doctor Joseph Pisani sabiex jezaminaw lil imputat u jirrappurtaw fuq il-progress mediku tieghu.

Illi nhar d-dsatax ta' Gunju 2002 Doctor Joseph Saliba ippresenta rikors [fol 63] fejn talab li jigi sostiwit peress li jinsab taht pressjoni ta' xoghol liema rikors pero qatt ma gie deciz.
Illi nhar s-sbatax ta' Frar 2002, l-Avukati Difensuri tal-imputat iddikjaraw li l-imputat xtaq jirtira kull ammissjoni li jista jiftiehem li ghamel meta ma kienx f'siktu li jaghmel bhal din u l-Qorti kienet irrizervat li tipprovdi kameralment dwar din l-istess talba [fol 122].

Illi nhar d-disgha ta' April 2003, **xehdu Doctor Peter Muscat, Doctor Joseph Saliba u Doctor Joseph Pisani** [fol 124]. Dawn it-tobba stqarrew b'mod car li l-imputat huwa marid u fiz-zmien tar-reat addebitati lilu kien ghaddej minn perjodu fejn kellu hsibijiet ta' persekuzzjoni tant li ttanta jikkommetti suwicidju f'zewg okkazzjonijiet u f'okkazzjoni wahda tant kien serju l-attentat li l-marka tal-habel ma ghonqu baqghet tidher ghal perjodu shih ta' xahar. Qalu li l-volunta tieghu ma kienetx cara, kienet menomata wkoll bil-process psikotiku li kellu.

Il-Prosekuzzjoni u l-parte civile f'dawn l-okkazzjonijiet staqsew lit-tobba jekk l-istat mentali tal-imputat kienx wiehed ibbazat fuq rabja li Joanne Camilleri ma kienetx thobbu meta huwa kien jhobbha, u l-psikjatri b'mod definittiv irrispondew fin-negattiv. Spjegaw li l-psikozi tal-imputat, jigifieri d-disturb mentali tieghu kien ikopri t-tul ta' zmien kollu li hu kien jahseb fuq Joanne Camilleri, jigifieri mill-bidu nett meta dahallu l-hsieb li din l-persuna

ghandha thobbu. Il-hsieb li dahal kien fi stat mentali hazin jigifieri ma kienx qieghed fi stat mentali normali w ghalhekk l-agir tieghu kien kondizzjonat mill-psikozi li hu kien qed isofri minnha. Ikkonkludew li l-imputat kien qed jbati minn marda kronika u l-effetti taghha huwa fil-tul u indeterminat. Huma halfu r-rapport taghhom li gie esibit fis-seduta tat-tnax ta' Gunju 2003 u gie mmarkat bhala dokument Z a fol 136 tal-atti. F'dan r-rapport il-periti psikjatrici ikkonfermaw li '*waqt iz-zmien tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-imputat kien fi stat ta' alterazzjoni mentali fejn kellu nuqqas ta' gudizzju u nuqqas t'awtokritika u li ma kienx kapaci jivvaluta l-konsegwenzi tal-agir tieghu.*"

Illi kif jirrizulta mill-atti, din il-kawza giet appuntata quddiem din l-Qorti kif preseduta nhar t-tlettax ta' Ottubru 2003.

Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2003, **l-istess tlett esperti psikjatrici regghu xehdu** [fol 204] u zammew ferm l-konkluzzjonijiet taghhom raggunti fis-seduta precedenti.
Illi fis-seduta tat-tmienja ta' Jannar 2004, l-Avukat Difensur tal-imputat ghamel referenza ghal verbal precedenti tieghu fejn kien iddikjara li huwa jaqbel mal-fatti kif esposti mill-Prosekuzzjoni pero ikkontesta li r-responsabbilita kienet minhabba dak li kkonkludew il-psikjatri.

Illi l-Prosekuzzjoni pero kienet tal-fehma li l-imputat ma setghax jirtira l-ammissjoni tieghu.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 din il-Qorti kienet tat digriet fl-ismijiet premessi [fol 260] dwar jekk ammissjoni tistax tigi rtirata minn min ikun ghamilha u fil-fatt hija rriteniet li f'certi cirkostanzi, kif hemm elenkat fl-istess digrtiet taghha, dan setgha jsir u fil-fatt dan il-kaz huwa wiehed minn dawn ic-cirkostanzi w infatti l-Qorti kienet ordnat l-prosegwiment tal-kawza wara li halliet lil imputat jirtira l-ammissjoni tieghu u trattat l-kawza daqs li kieku qatt ma kienet saret ammissjoni [fol 276].

Illi l-Prosekuzzjoni insistiet li kellha ttellgha numru ta' xhieda sabiex jispjegaw l-fatti tal-kaz u dan f'diversi seduti

u ressqet fost l-ohrajn lil Romina Fleri Soler. Antonia Mercieca, Joanne Camilleri, Romeo Camilleri, Anne Camilleri, Father Marcellino Ghirlando, Perit Richard Aquilina u lil PC 411 Raymond Grech.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jiddispjaciha hafna tara l-hsara li kkaguna l-imputat lil diversi familji gewwa Bahar ic-Caghaq b'mod partikolari lil familja Camilleri u zgur li tapprezza li l-istat t'ecitatament li spiccaw jghixu fih dawn il-persuni konsegwenza ta' dak kollu li kienu sofrew.

Tifhem wkoll li l-Prosekuzzjoni ghamlet hafna xoghol siewi sabiex irnexxilha taqbad minn kien il-malvivent f'dan il-kaz, pero l-kompitu tal-Qorti jibqa dak li taghmel gustizzja kemm mas-socjeta, mal-vittmi u mal-imputat stess.

Il-Prosekuzzjoni u l-parte civile fin-noti taghhom jikkonkludu li l-Qorti ma hiex marbuta mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-esperti nominat minnha u fil-fatt stqarrew wkoll li 'm'humiex il-persuni li ghandhom jikkonkludu jekk persuna akkuzata hux kriminalment responsabbli ghal ghemilu, ghaliex tali gudizzju ghandu jghaddi ghalih il-gudikant'.

Ikkunsidrat:

Ill l-artikolu **650(1) tal-Kap 9 jiddisponi** li:

*"Fil-kazijiet kollha li fihom **ghal ezami ta' persuna** jew ta' haga tkun **tinhtieg hila** jew **sengha specjali**, **ghandha** tigi ordnata perizja."*

Dan jfisser li l-Qorti hija obbligata li tinnomina perit f'kaz ta' hila specjali, pero l-**artikolu 636 tal-Kap 9 jipprovdi** li:

'Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghal fehma tal-periti <u>kontra l-perswazjoni tieghu</u>."

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta'***

***Dicembru 2004*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond Calleja** dwar nomina ta' esperti.

Din il-Qorti kkwotat mill-awtur Ingliz **Blackstone** mill-ktieb ***Criminal Procedures*** 2004 para F 101.4 pg 2174 meta jghid:

*"Expert opinion evidence may only be received on a subject calling for expertise which a lay person such as a magistrate or a juror could not be expected to possess to a degree sufficient to understand the evidence given in the case unaided if the tribunal of fact can from its own opinion without the assistance of an expert the matter being dealt with its own experience and knowledge expert opinion evidence is inadmissible because it is unnecessary."*

Issa mill-kliem tan-nomina jirrizulta li l-periti gew nominati sabiex jezaminaw l-istat mentali tal-imputat liema ezami kellu bzonn hila specjali u dan ghamluh ghaliex kienet tkun pruzuntuza wisq l-Qorti kieku qabdet u ghamlet gudizzju tal-imputat minghajr ma qiset c-cirkostanzi psikjatrici tieghu. Zgur li din il-Qorti ma tistax tikkummenta dwar l-istat mentali tal-imputat ghaliex ma huex kompitu taghha.

Din il-Qorti ma tkunx marbuta li toqghod ghal fehma tal-periti jekk ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet taghhom.

Issa f'dan il-kaz, il-Qorti ma tistax ma taqbilx ghaliex il-gudizzju taghhom kien wiehed li gie maghmul fuq ezami mentali u r-rizultat tal-ezami taghhom kien wiehed xjentifiku u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li b'xi mod tista tinjora dak li kkonkludew dwar il-marda kronika li qed jbati minnha l-imputat.

Illi ghalhekk il-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn jirrizultaw ghas-sodisfazzjon taghha li dak li sehh kontra l-ligi gie kommess mill-imputat pero dan waqt li kien qed ibati minn psikozi - marda akuta li ma hallietx lil imputat jiddistingwi t-tajjeb mill-hazin.

Fi kliem l-esperti, "fiz-zmien tar-reat dedotti kontra tieghu, l-imputat kien fi stat ta' alterazzjoni mentali fejn kellu nuqqas ta' gudizzju u nuqqas ta' awtokritika. Wkoll ma kienx kapaci jivvaluta l-konsegwenzi tal-agir tieghu."

Illi l-parte civile u l-Prosekuzzjoni fin-noti taghhom ghamlu referenza ghal posizzjoni dwar d-difiza ta' dementia kif inhi l-Ingilterra, pero bir-rispett kollu lejhom, din ma tapplikax ghal posizzjoni hawn Malta.

Illi huma bbazaw l-argument taghhom fuq il-**McNaughton Rules** li ma japplikawx ghal posizzjoni hawn Malta.

Fil-fatt, il-**Professur Mamo** jikteb dwarhom fin-**Noti** tieghu qabel ma jindirizza l-posizzjoni hawn Malta u fil-fatt jghid billi jikkonkludi li:

*"Our law has not bound itself by any specific a priori test of responsibility in insanity. It has refrained from any attempt to define the conditions under which a man can plead mental unsoundness as an excuse for wrong doing wisely leaving each case to be decided in the light of its particular circumstances, usually with he assistance of medical experts."*

F'Malta, kif din il-Qorti diga kellha l-opportunita tispjiega ***fis-sentenza moghtija minnha nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Gunju 1998*** fl-ismijiet **The Police v Janusz Tomaszczuk,** m'ghandnix definizzjoni legali tal-kuncett 'genn' pero fl-artikolu 33 tal-Kap 9 ghandha c-cirkostanzi ta' dak li jezenta lil hati mir-responsabblilita penali. Il-kodici penali taghna jiddistingwi bejn genn fil-mument tal-kommissjoni tar-reat u genn fil-mument tal-kumpilazzjoni.

Il-genn li jirrizulta fil-mument tal-kommissjoni tar-reat jezenta lil hati minn kull responsabblita kriminali. Fil-fatt **Falzon**, fil-ktieb tieghu ***Annotazione alle leggi Criminali*** taht t-titolu "un giovane avvocato maltese" a fol 219 jghid:

*"Che la clemenza o il furore, come pure la forza contemplata nei degli articoli sono cause di giustificazione del reat, ed hanno per effetto non gia d'attenuarlo ma di*

*fatto* ***sparire*** *del tutto o di escludere ogni reita nell'agente la dischiarazione del Jury nei detti cosi dev'essere di non reita dell'accusato."*

Ghalhekk il-ligi thares lejn il-hati li kien mignun fil-mument tal-kommissjoni tar-reat bhala tali li qatt ma kiser id-disposizzjoni tal-Kodici Penali u dan ghaliex l-element formali tar-reat huwa nieqes mill-hati li hu mignun.

L-intellet u volunta huma zewg pilastri li fuqu jistrieh il-kuncett ta' responsabblita kriminali.  Jekk wiehed minn dawn iz-zewg pilastri huwa nieqes, il-kuncett jisfaxxa.

Il-Kodici Penali taghna gie promulgat nhar l-ewwel ta' Marzu 1884 bhala l-ewwel Ordinanza ta' dik is-sena.  L-artikolu 33 attwali gie diskuss fil-Kunsill tal-Gvern fis-seduta tal-erbatax, wiehed u ghoxrin u tlieta w ghoxrin ta' Frar 1850.  Minn ezami ta' dawn d-debates, jirrizulta li dan l-artikolu gie kopjat fis-sustanza mill-Codice delle Due Sicilie li wkoll kien ibbazat fuq il-Kodici Franciz.  F'dan il-kaz il-Codice delle Due Sicilie jsemmi 'dementia' u 'furore' filwaqt li l-Kodici Franciz jsemmi biss 'dementia'.
Gie ritenut pero li dawn il-kliem taz-zewg Kodici differenti kellhom l-istess effett kemm fis-sustanza kif wkoll dwar l-applikazzjoni taghhom fil-kodici nostran.  Tant hu hekk li fil-Kodici Penali li kienu ghadhom *drafts* kemm dak tas-sena 1883 kif wkoll dak tas-sena 1848, insibu fl-artikolu 32 u 30 rispettivi dawn l-istess kliem.

Ezami akkurat tad-dibattitu li sehh fil-Parlament dwar l-introduzzjoni ta' dan l-istess artikolu, **The Chief Secretary Henry Lushington:**

*"Upheld dementia and furore to mean to be comprehensive words and inclusive of every kind of mental disease."*

In fatti il-President tal-Qorti ta' dak iz-zmien Sir Ignatius Bonavita stqarr li peress li l-artikolu 33 taghna huwa bazat fuq iz-zewg Kodici fuq imsemmija, il-kelma 'genn' ghandha tifsira wiesgha u cioe li tinkorpora kull stat ta' disordni mentali li jwassal ghal deficjenza fil-poteri ta'

'conoscenzia ' u 'volonta' u cioe f'dawk il-poteri li huma elementi indispensabbli ghal kostruzzjoni ta' reati u li jwasslu ghar-responsabbilita ta' bniedem ghall-agir tieghu.

Kompla jghid wkoll li l-kwistjoni ta' jekk bniedem agixxix konsapevolment u b'mod intenzjonali, hija kwistjoni ta' fatt li jrid jigi deciz b'mod distint f'kull kaz.

L-Imhallef li ndirizza lil gurati fil-kawza **Repubblika ta' Malta v Charles Degiorgio** [Att t'Akkuza Numru 17/94] jghid li ghalkemm il-ligi taghna ma taghti ebda tifsira tal-kelma 'genn', din tfisser dak l-istat tal-mohh li jirrizulta minn mohh marid - marda fil-mohh li ghandha n-natura li ma thalliex lil bniedem milli jgharaf n-natura u kwalita ta' ghemilu jew li tinibih mill-kapacita li jgharaf li l-att hu hazin jew tajjeb b'mod intrinsiku. Fi kliem iehor dik il-marda li tinibih milli jkollu scelta kif maghruf bit-taljan '*la capacita di intendere e volere*.'

Huwa bizzejjed jekk wiehed minn dawn iz-zewg elementi hu nieqes. Lanqas ma hu necessarju fil-ligi taghna li jirrizulta x'tip ta' marda kellu l-akkuzat fil-mument tal-kommissjoni tar-reat, fi kliem iehor jekk kellux '*breakdown*', '*sub normality*', '*abnormality*', '*paranoia*', '*pschosis*' jew '*feeble mildness*'. Irrispettivament mill-isem dak li hu necessarju hu l-effett tal-marda u cioe l-effett li jrendi nieqes mill-elementi fuq deskritti.

Per ezempju fis-sentenza **Il-Pulizija v Karmenu Bugeja *deciza nhar t-tlettax ta' Jannar 1947 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** gie ritenut li deluzjonijiet jew percezzjoni falza tal-akkuzat li jttelfu l-poter tal-intellet jammonta ghal genn u f'dak il-kaz il-Qorti laqghet t-talba ta' dementia.

Ghalhekk il-ligi ma taghti ebda test li jrid isir a priori. Kull kaz ghandu jigi trattat b'mod distint u separat.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v Ruggiero Sultana *deciza mill-Qorti tal-Appell Krminali nhar l-ghaxra ta' April 1937, l-Imhallef William Harding*** sostna li l-opinjoni tal-espert psikjatriku ma jistax jigi injorat izda tali opinjoni ma tiehux post id-decizjoni li ghandu jiehu l-gudikant dwar dan.

Ghalhekk il-kwistjoni trid tigi deciza mill-gudikant wara li jistudja u jistrieh fuq ic-cirkostanzi tal-kaz.  Ghalkemm huwa rinfaccjat bid-dictum *actus non facit reum nisi mens sit rea*.

F'dan il-kaz il-Qorti wara li ezaminat fid-dettal r-relazzjoni tal-espert psikjatri Doctor David Cassar, Doctor Peter Muscat u Dottor Joseph Pisani u x-xhieda moghtija minnhom f'diversi seduti jidher li z-zewg elementi kostituttivi tar-reat u cioe il-kapacita tal-intellet u tal-volunta tal-akkuzat, kienu nieqsa fil-mument tal-kommissjoni tar-reat.

Din il-Qorti jiddispjaciha tara r-rebus u disturb li holoq l-imputat f'dak li ghamel u d-diversi hsarat li kkaguna pero fid-dawl tss-suespost, kriminalment, ma jistax jinzamm responsabbli.

Mid-deposizzjonijiet tal-psikjatri Doctor David Cassar, Doctor Peter Muscat u Dottor Joseph Pisani jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputat kien qed ibati minn psikozi, liema kundizzjoni tnehhi l-kapacita t'intelligenza u gudizzju minn fuq l-imputat fil-mument tal-kommissjoni tar-reati.  Il-kapacita tieghu ta' ghazla kienet senjatament minomata.  Tali menomazzjoni sejra tfisser li minhabba mard tal-mohh, l-imputat kien nieqes mill-liberta tal-ghazla fl-agir tieghu.  Dan jammonta ghall-istat kontemplat mill-ligi fil-paragrafu (a) tal-artikolu 33 tal-Kodici Kriminali, jigifieri stat ta' genn.

**Ghalhekk il-Qorti, tiddikjara li ma ssibx lil imputat NICHOLAS GRECH hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu minhabba li kien fi stat ta' genn fiz-zmien tal-allegat reati u wara li rat l-artikolu 525(3) u 623(1) tal-Kap 9 Ligijiet ta' Malta, tordna li l-imputat jinzamm taht kustodja fl-isptar Monte Carmeli biex hemmhekk jibqa taht kustodja u mizmum skond d-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar s-Sahha Mentali [Kap 262] jew kull disposizzjoini ohra tal-ligi jew legislazzjoni applikabbli ghal kaz.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------